CCT/150/22/S

Antoine Navarro

Vs

G. Molton Co. Ltd

Illum 16 t' April,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ippreżentata minn Antoine Navarro fit-12 ta' Ottubru, 2022 u r-risposta tas-soċjeta' G. Molton Co. Ltd ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2022.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' l-partijiet u it-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tat-23 ta' Frar 2023.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda żebgħa mixtrija li meta ġie biex jirtokkja, r-rikorrenti uża l-istess bott żebgħa mixtrija mir-rikorrenti li skont hu insista li tkun żebgħa *acrylic* "milli tintmesaħ" u skont l-istess rikorrenti ingħata żebgħa oħra li meta kellu jerġa' jdur xi partijiet, din iz-zebgħa bdiet tiċċappas u cioe' iż-żebgħa iżżelġet. Is-soċjeta' intimata min-naħa tagħha ikkontestat li iż-żebgħa inkwistjoni kienet b'xi mod difettuża.

Illi jinagħad mill-ewwel illi hu prinċipju antik fis-sistema nostrana u l-gurisprudenza tal-Qrati tagħna kienet dejjem kostanti matul is-snin, li min jallega jrid jipprova.

Illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Interior Finishes Supplies Ltd vs Ian Tabone", deċiża fil-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri) fit-8 ta' Ġunju 2005, fejn il-Qorti qalet hekk:

*"Issa ma jista' qatt ikun kontestat anki għaliex din hi norma proċedurali ben assodata Artiklu 562 Kap.12, illi kull pretendent ta'dritt f'ġudizzju għandu jipprova l-fatti kostitwenti l-bażi tal-pretenzjoni tiegħu. Prinċipju dan li ghandu l-fondament tiegħu fir-regola tradizzjonali "onus probandi incumbit ei qui dicit Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 4 minn 6 Qrati tal-Gustizzja". Regola din li tesprimi l-esigenza logika li tqieghed fuq spallejn minn jallega fatt favorevoli ghalih lobbligu li jaghti prova adegwata ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Naturalment tali regola generali taggrava kemm fuq l-attur ("actori incumbit probatio") kemm fuq il-konvenut meta dan igib il quddiem eccezzjoni jew difiza kontrapposta u intiza biex tikkontrasta l-pretiza ta' l-avversarju…"*

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti Antoine Navarro stress ma jirriżultax li ż-żebgħa inkwisjoni kienet difettuża. Lanqas ma ġie ppruvat illi s-soċjeta' intimata tagħat lir-rikorrenti xi ħaġa illi fil-fatt ma intalbitx jew kienet ta' kwalita' differenti.

Illi gjaladarba ma ssirx tali prova, allura l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi.

Illi jingħad ukoll li r-rikorrenti u l-bajjad imqabbad minnhom setghu faċilment jirrealizzaw illi ż-żebgħa mixtrija ma kinitx dik li riedu, kieku kien hekk il-każ, pero' ma ġarax hekk.

Illi s-soċjeta' intimata uriet illi ħadet dawk l-azzjonijiet kollha li wieħed jistenna meta jkun hemm ilment ta' konsumatur għax bagħatet il-materjal għall-eżami tekkniku u tagħat widen għal dak li kien qed jilmenta minnu r-rikorrenti għalkemm ma qablitx miegħu.

Illi mill-provi mressqa quddiem it-Tribunal ma jirriżultax li r-rikorrenti Antoine Navarro irnexxielu jipprova dak minnhu allegat u dan kif anki stabbilit mill-Qorti Ċivili Prim Awla fl-ismijiet "Mario Scerri et. vs ICI Ltd" fid-deċizjoni mogħtija fl-20 ta' Frar 2025.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Antoine Navarro filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' G. Molton Co. Ltd. B'kull parti tħallas l-ispejjeż relattivi għal dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru